MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2001

Avviz Numru. 1115/2000/1

Avviz Nru: 1115/00

Vodafone Malta Ltd

Vs

Bader Aldghaim

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm373.13) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mil-10 ta' Marzu 1999 sal-10 ta' Frar 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali

Bil-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat u msejjah ma deherx la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm373.13c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------